# LEJN UGWALJANZA SĦIĦA BEJN IN-NISA U L-IRĠIEL

PJAN LABURISTA
BIDU ĠDID

KONFERENZA ĠENERALI ANNWALI 2007

PARTIT LABURISTA

# Introduzzjoni

Il-Partit Laburista sa mit-twaqqif tiegħu kien minn ta`quddiem fit-twettiq ta` politika favur sehem sħiħ tan-nisa fis-soċjetà Maltija. Dan għax jemmen li d-drittijiet tan-nisa huma drittijiet umani, soċjali u ekonomiċi u li n-nuqqas tagħhom iwassal għal defiċit sejru fit-tmexxija demokratika tal-pajjiż.

Għalkemm matul is-snin rajna s-soċjetà Maltija tissaħħaħ f'dan ir-rigward, għadna 'l bogħod mill-ugwaljanza meħtieġa u mixtieqa. Għalkemm illum diskriminazzjoni sfaċċata bejn nisa u rġiel naqset, każijiet bħal dawn għadna niltaqgħu magħhom. Aktar komuni hija dik id-diskriminazzjoni sottili u mistura taħt xi skuża li *prima facie* tista` tidher ġustifikata.

Gvern Laburista ġdid jagħraf li din il-mentalità rridu niqfulha permezz ta` liġijiet b`saħħithom li jirregolaw b`mod ċar l-operat f`dan il-qasam, politika ħolistika żviluppata fi programmi u proġetti li jħallu riżultat tajjeb għax ikunu appoġġjati mir-riżorsi meħtieġa. Dejjem kien miftuħ għall-proposti u lest jikkonsulta ma` NGOs li jaħdmu man-nisa fl-oqsma varji u ma` esperti u professjonisti f`dan il-qasam.

Il-Partit Laburista kemm bħala partit, kemm bħala gvern dejjem ta xhieda ta` dan fit-tfassil tal-programmi ta` ħidma tiegħu. Bħala partit kien ħatar kummissjoni konsultattiva għall-ugwaljanza sħiħa u effettiva biex tat pariri bbażati fuq riċerka dwar diversi oqsma fosthom dwar azzjoni pożittiva u servizzi ta` ħarsien tat-tfal. U mill-gvern imbarka fuq programm biex jimplimenta dak li ppproponiet din il-kummissjoni.

Il-ħidma tagħna f`dan il-qasam kompliet mill-oppożizzjoni u kif inkunu fil-gvern naħdmu iżjed biex dejjem nersqu aktar lejn soċjetà fejn iż-żewġ komponenti bażiċi - nisa u rġiel - flimkien jagħtu u jieħdu sehem fl-opportunitajiet eżistenti biex it-tmexxija tal-pajjiż tgawdi mill-aħjar riżorsi li għandha mingħajr ma jkun hemm ħela.

L-ugwaljanza bejn nisa u irġiel mhix xi kapriċċ, lanqas mhi xi *slogan* biex il-Partit Laburista jidher *politically correct*. Hija ħtieġa li jekk irridu verament niftaħru li ngħixu f`pajjiż demokratiku fejn kulħadd igawdi l-istess drittjiet u opportunitajiet, ma nistgħux ngħaddu mingħajrha.

Hu għalhekk li l-Partit Laburista jorbot lilu nniffsu li, hekk kif jitla` fil-Gvern, iwettaq il-programm ta` ħidma kif żviluppat fil-paġni li ġejjin. Programm ta` ħidma b`politika ta` inklużjoni tal-perspettivi u l-aspettattivi tan-nisa u ta` l-irġiel fl-operat tal-Gvern fl-istess waqt li tingħata attenzjoni speċjali lil dawk l-oqsma fejn għad hemm bżonn l-integrazzjoni tan-nisa.

# Inkunu Pro-attivi

## MAKKINARJU NAZZJONALI GĦAN-NISA

L-impenn politiku jissarraf fit-tisħiħ tal-makkinarju nazzjonali f`livelli għolja ta` l-istrutturi kemm politiċi, kemm eżekuttivi b`żieda fir-riżorsi biex tkun aċċertata l-implimentazzjoni effettiva ta` l-aġenda tal-Partit Laburista f`dan il-qasam. Din l-entità tkun responsabbli wkoll għal monitoraġġ kontinwu biex taċċerta li l-politika tal-gvern tkun qed tiġi attwata.

## LIĠI GĦALL-PROMOZZJONI TA` L-UGWALJANZA BEJN IN-NISA U L-IRĠIEL

Kien il-Gvern Laburista ta` l-1996 li beda x-xogħol fuq din il-liġi bil-kollaborazzjoni ta` esperti f`dan il-qasam. Taħt Gvern Nazzjonalista din il-liġi ddgħajfet biex tinkludi biss u bl-eżatt dak li jesiġu d-direttivi ta` l-Unjoni Ewropea. Biex verament naslu biex nilħqu l-għan tagħna, il-liġi preżenti tkun emendata sabiex mill-kliem naslu għall-fatti.

Id-definizzjoni ta` diskriminazzjoni, li fil-liġi preżenti hija ristretta, tkun mibdula biex tkopri oqsma oħra li fil-preżent m`humiex koperti.

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel tingħata aktar saħħa bħala entità regolatorja bir-riżorsi neċessarji biex tkun kapaċi li:

- Tassigura l-implimentazzjoni tal-liġi;
- Tinvestiga b`mod effettiv każijiet ta` allegata diskriminazjoni a bażi ta` sess.

Leġislazzjoni li tinkludi rimedji oħra f`każi ta` diskriminazzjoni bħal azzjoni pożittiva, riakkwist tal-post tax-xogħol u danni morali.

## LIĠI TAL-FAMILJA

Il-fenomenu tar-rabta tal-faqar man-nisa jolqot mill-qrib nisa separati. Dan il-faqar jinfirex ukoll fuq it-tfal taż-żwieg imkisser li fil-maġġoranza tal-każijiet jibqgħu jgħixu ma` l-omm b'konsegwenzi traġiċi għalihom, inkluż bdil ta` skejjel, telf tal-ħajja soċjali u kwalità ta` ħajja agħar.

Sabiex din is-sitwazzjoni tiġi kkontrollata, Gvern Laburista jaħdem biex ikun aċċertat li l-qasma

tal-komunjoni ta` l-akkwisti ssir fuq bażi ta` ekwità u li tieħu in kunsiderazzjoni l-età tat-tfal u l-possibilitajiet ta` l-omm li tkun finanzjarjament indipendenti sakemm dawn jikbru.

Id-drittijiet ta` membri ta` familja fejn il-koppja jgħixu flimkien barra ż-żwieġ jiġu mħarsa bil-liġi.

## LIĠI TAS-SUĊĊESSJONI

Fejn tidħol suċċessjoni, speċjalment meta l-wirt jinkludi d-dar matrimonjali, is-*ceiling* ta' eżenzjoni għandu jogħla. Każijiet bħal dawn jolqtu ħażin ħafna l-iżjed lin-nisa speċjalment meta jkunu għadhom qed irabbu għax la jkollhom flus biex iħallsu t-taxxa u lanqas jista' jkollhom għax ma jistgħux ibiegħu d-dar qabel ma` din it-taxxa titħallas.

## L-INTEGRAZZJONI TAL-PERSPETTIVA TAN-NISA U TA` L-IRĠIEL FIX-XOGĦOL TAL-GVERN

L-integrazzjoni tal-perspettiva tan-nisa u ta` l-irġiel fix-xogħol tal-Gvern hija l-għodda strateġika li Gvern Laburista jaddotta bħala forza ta` tmexxija kemm fuq livell nazzjonali kemm dak lokali. Għaldaqstant tkun introdotta sistema ta` immaniġjar speċifiku (*Gender Management System*) sabiex jintlaħaq dan il-għan biex il-bżonnijiet u l-aspirazzjonijiet kemm tan-nisa kif ukoll ta` l-irġiel jiġu indirizzati fit-tfassil ta` liġijiet, *policies*, programmi u proġetti tal-gvern.

Struttura ta` monitoraġġ tassigura l-implimentazzjoni ta` din l-istrateġija sabiex il-politika tal-Gvern tixpruna lin-nisa fil-livelli u fl-isferi kollha tas-soċjetà speċjalment fejn jinħass ħafna in-nuqqas tagħhom.

## IL-LIVELLI FEJN JITTIEĦDU D-DEĊIŻJONIJIET

Il-ħtiega ta` nisa fil-livelli fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet illum hu fatt rikonoxxut mad-dinja. Però waqt li qed naraw żieda sostanzjali f`ħafna pajjiżi oħra, f`Malta dan il-qasam għadu mhux qed jagħti dak l-ispazju mixtieq biex in-nisa jkunu jistgħu jipparteċipaw f`postijiet ta` tmexxija fl-oqsma varji tas-soċjetà. Għal dan il-għan Gvern Laburista ġdid jaħdem sabiex skond linji internazzjonali:

– Fil-Kamra tad-Deputati jkun hemm żieda fin-numru ta` siġġijiet fuq iż-żewġ naħat tal-Kamra bħala kwota biex jiżdied in-numru ta` nisa fil-Parlament
– Fuq bordijiet u kummissjonijiet tal-Gvern ikun hemm 35% tal-membri li jkunu nisa
– 20% ta` l-Ambaxxaturi u f`karigi għolja jkunu nisa
– 20% tan-nominazzjonijiet għal Aġenziji Internazzjonali jkunu nisa
– 30% tal-karigi eżekuttivi fis-Servizz Pubbliku jimtlew min-nisa
– It-tqassim ta` boroz ta` studju jkun a bażi ta` 30% għan-nisa, 30% għall-irġiel u 40% li jibqa` mħallta.

# IL-QASAM TAX-XOGĦOL

Konxji mill-importanza tax-xogħol fil-ħajja ta` kull individwu partikolarment ta` dawk il-ġenituri li jrabbu t-tfal weħidhom magħmulin fil-maġġoranza tagħhom min-nisa, Gvern Laburista jagħti l-appoġġ kollu tiegħu għal politika ta` opportunitajiet indaqs fuq il-post tax-xogħol li tirrikonoxxi l-abbiltajiet u l-esperjenzi tan-nisa.

Il-Partit Laburista huwa konxju mill-parteċipazzjoni baxxa tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Mhux biss imma f`dawn l-aħħar snin qed naraw in-numru ta` nisa, fil-maġġoranza tagħhom nisa żgħażagħ, li qed jirreġistraw għax-xogħol. Qegħdin f`din is-sitwazzjoni għal numru ta` raġunijiet li jeħtieġ ikunu indirizzati biex niġbdu lin-nisa lejn is-suq tax-xogħol.

F`kuntest fejn l-industrija Maltija hija għaddejja minn ristrutturar b`rata ta` qgħad tan-nisa dejjem jogħla, attenzjoni speċjali tingħata lin-nisa ħaddiema biex ikunu kapaċi jiffaċċjaw din l-isfida. Dan isir permezz ta` kampanji ta` informazzjoni prattika, taħriġ fuq il-post tax-xogħol, fi snajja` ġodda, fl-informatika partikolarment għan-nisa li jixtiequ jidħlu lura fis-suq tax-xogħol, nisa barra mis-suq tax-xogħol u dawk bla xogħol.

Dan il-proċess jissaħħaħ permezz tat-twaqqif ta` sistema prattika u effettiva fuq bażi nazzjonali ta` kwalifiki vokazzjonali li tagħti valur lit-taħrig formali, informali u mhux formali u tagħraf il-kompetenzi, inkluż dawk il-kapaċitajiet miksuba fi ħdan il-familja, permezz ta` ċertifikazzjoni rikonoxxuta.

Dan isir bil-għan li n-nisa jkunu jistgħu jsibu xogħol aktar malajr u xogħol b`paga aħjar biex b`hekk jingħeleb ir-riskju ta` faqar għalihom u għal uliedhom.

Isir kull sforz biex jitnaqqas il-preġudizzju a bażi ta` sess kemm dak espliċitu kemm impliċitu, fl-aċċess għal dħul xieraq, pożizzjonijiet għolja, kundizzjonijiet ta` xogħol u osqma ta` xogħol varji fl-istrutturi preżenti. Dan għandu jinkludi diskriminazzjoni a bażi ta` età li tolqot in-nisa ħafna aktar mill-irġiel meta jipprovaw jidħlu lura fis-suq tax-xogħol wara assenza ta` numru ta` snin minħabba t-trobbija tat-tfal.

Qasam ieħor importanti hi l-evalwazzjoni tar-rendiment tal-ħaddiema kemm fil-proċess ta` reklutaġġ, kemm fil-promozzjonijiet. Il-kwalitajiet hekk msejjħa femminili, bħal ħiliet ta` komunikazzjoni, *team building*, *conflict resolution*, *budgeting* u oħrajn żviluppati fl-immaniġġjar tal-familja jkunu rikonoxxuti. Fl-istess ħin nagħrfu li kull individwu għandu *learning curve* personali u differenti u l-evalwazzjoni tal-kompetenzi tagħhom għandha tkun bbażata fuq il-kapaċitajiet tagħhom.

Biex dan iseħħ issir kampanja għal dawk f`pożizzjonijiet fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet biex jagħrfu l-bżonn ta` metodi differenti ta` tmexxija bbażati fuq l-iżvilupp personali u *output* tal-ħaddiema tagħhom.

## ĦADDIEMA *SELF-EMPLOYED*

Gvern Laburista jagħraf in-nuqqas kbir ta` nisa li jaħdmu għal rashom. Għaldaqstant, jinbeda proċess biex iħajjar lin-nisa jinagħqdu f`kooperattivi u entrapriżi żgħar permezz ta` riċerka dwar l-aspettattivi tan-nisa, kampanji ta` tagħrif, taħriġ kontinwu f`dan il-qasam, faċilitajiet bankarji biex jintgħelbu ċerti ostakli inġusti, kif ukoll tnaqqis ta` burokrazija li tista` tagħti lok għal trattament diskriminatorju.

Dan il-programm jinħadem id f`id ma` kull min għandu x`jaqsam mas-settur biex jiżdied l-għarfien tal-bżonn ta` appoġġ li n-nisa għandhom biex jaħdmu f`dan il-qasam.

Jitħaddmu miżuri fiskali li jippromwovu l-kultura ta` xogħol bi ħlas bħala mezz biex in-nisa jersqu `l bogħod minn sitwazzjonijiet ta` esklużjoni soċjali u faqar marbutin ma` pagi baxxi jew nuqqas ta` pagi.

Mara *self-employed*, f` każ ta` mard /korriment fuq il-post, tkun megħjuna jkollha introjtu mingħajr ma` titlef in-negozju tagħha fil-mument ta` bżonn a bażi tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li tkun ħallset.

Nisa *self-employed* ikollhom aċċess għal benefiċċju tal-maternità taħt l-istess kundizzjonijiet li jibbenefikaw minnhom nisa f`impieg.

Jingħata appoġġ sħiħ lil dawk in-nisa li jidħlu fis-suq tax-xogħol u jkun assigurat li benefiċċji/pagamenti tas-sigurtà soċjali ma jservux ta` diżinċentiv f`dan ir-rigward.

## ĦADDIEMA *FULL-TIME*

– L-erbatax-il ġimgħa *leave* għal maternità tkun imħallsa fuq l-istess linji tat-tlettax-il ġimgħa *leave* għal maternità mħallsa, kif introdotti mill-Gvern Laburista fl-1982.
– Żieda ta` tliet xhur fuq it-tliet xhur eżistenti tal-*leave* bla ħlas għal ġenituri fis-settur privat.
– Appoġġ sħiħ għal twaqqif ta` strutturi li jinkoraġġixxu li ħaddiema nisa jirrapportaw każijiet ta` abbuż sesswali.
– Siegħat flessibbli, *teleworking*, *job sharing* u *banking* tas-siegħat sabiex in-nisa jkunu jistgħu jsibu bilanċ bejn il-ħajja privata u dik professjonali.
– Kampanji fuq il-medja li jindirizzaw kemm nisa kemm irġiel dwar il-bżonn li rġiel u missirijiet jingħataw dak l-ispazju neċessarju biex jipparteċipaw aktar fil-ħajja tal-familja għal benefiċċju tagħhom infushom, dak tat-tfal tagħhom kif ukoll għal membri l-oħra tal-familja.

## ĦADDIEMA *PART-TIME*

– Dawn jibdew igawdu mill-benefiċċji kollha fuq bażi pro-rata hekk kif jibdew iħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, jiġifieri hekk kif jilħqu t-tmien siegħat xogħol.

- Jittejbu strutturi fiskali li jħajru aktar il-mara tirritorna fis-suq tax-xogħol u jinħolqu strutturi ġodda.

## ĦADDIEMA FIS-SETTUR PUBBLIKU

- Ħaddiema każwali jkunu impjegati biex jagħmlu tajjeb għas-siegħat ta` impjegati li jaħdmu b`sistema ta` sigħat imnaqqsa biex dawn ma jinħassux ta` piż fuq il-kollegi tagħhom.
- Is-sistema ta` ħaddiema każwali fis-settur pubbliku tinbidel għal waħda prattika, flessibli u effettiva bl-aħjar użu ta` riżorsi.
- Jinħoloq grupp ta` uffiċjali biex jixpruna t-tħaddim tat-*teleworking* f'dawk id-dipartimenti fejn ix-xogħol jippermetti.
- Fondi speċjali flimkien ma` tagħrif tekniku ta` kif taħdem is-sistema jingħataw bħala appoġġ lil dawk id-dipartimenti li jaddottaw din l-inizjattiva.

## ĦADDIEMA FIS-SETTUR PRIVAT

- Kollaborazzjoni ma` dawk kollha f`dan is-settur sabiex min jimpjega jsir aktar konxju li l-implimentazzjoni ta` politika favur bilanċ bejn il-ħajja privata u dik professjonali għal ħaddiema hija waħda mill-metodi ppruvati u effettivi biex tiżdied il-produzzjoni.

## SERVIZZ TA` ĦARSIEN TAT-TFAL

Il-liġi għar-regolazzjoni ta` servizzi ta` ħarsien tat-tfal li kienet abbozzata fl-1998 titressaq fil-Parlament biex ikun aċċertat servizz xieraq li jserraħ ras il-ġenituri. Dan qed jingħad fl-isfond tal-politika tal-Gvern Nazzjonalista li, għal numru ta` snin, ivvota somma ta` flus għal sussidju lill-ġenituri li jibagħtu t-tfal tagħhom f`ċentri liċenzjati meta kien jaf li hu ħalla fuq l-ixkaffa l-liġi abbozzata taħt Gvern Laburista li tipprovdi għal-liċenzjar ta` dawn is-servizzi, b`riżultat li ħadd ma setgħa jagħmel użu minn dawn il-fondi.

Minbarrra dan, flimkien mal-partijiet involuti Gvern Laburista ġdid jaħdem sabiex:

- Fejn hu possibbli jitwaqqaf servizz ta` ħarsien tat-tfal għal ħaddiema fis-servizz pubbliku biex ġenituri jkunu jistgħu jibqgħu fix-xogħol tagħhom jekk jixtiequ.
- Jingħataw inċentivi sabiex jitwaqqfu ċentri f`lokalitajiet oħra bi sħubija mal-kunsilli lokali.
- Jitwaqqaf servizz li jipprovdi attivitajiet *extra* kurrikulari, bħal żfin, sport, arti eċċ għat-tfal żgħar wara l-ħin ta` l-iskola tal-primarja u kindergarten u fil-vaganzi biex ġenituri li jaħdmu jkollhom rashom mistrieħa li t-tfal tagħhom ikunu qed jagħmlu l-aħjar użu mill-ħin tagħhom. Mhux talli hekk, imma l-ħafna ġiri bit-tfal wara l-iskola jitnaqqas kemm għal benefiċċju tagħhom, kif ukoll għal impatt pożittiv fuq l-ambjent, traffiku u użu ta` fjuwil.

## EDUKAZZJONI FIT-TWETTIQ TA` L-UGWALJANZA EFFETTIVA

Il-politika ta` Gvern Laburista ġdid tesiġi li t-tfal minn ċkunithom jagħrfu l-valur ta` l-ugwaljanza li jissarraf f`rispett reċiproku bejn nisa u irġiel. Għaldaqstant, ix-xogħol f`dan ir-rigward jingħata rankatura permezz tal-kurrikulu minimu nazzjonali.

Kemm jista` jkun, l-ambjent fl-iskejjel u istituzzjonijiet edukattivi statali jkunu xhieda ta` din il-politika permezz ta` metodi u materjal ta` tagħlim kif ukoll tqassim ta` responsabbilitajiet ekwi bejn l-istaff nisa u irġiel fl-oqsma u livelli varji tal-ġerarkija ta` l-iskola fost affarijiet oħra.

Kampanja biex naċċertaw li l-edukaturi jkunu konxji mill-importanza ta` l-ugwaljanza bejn is-sessi biex l-imġieba tagħhom tagħti xhieda u eżempju ċar ta` dan.

Rendikont fuq bażi regolari jintalab mit-tmexxija ta` dawn l-istituzzjonijiet.

## EDUKAZZJONI U TAĦRIĠ VOKAZZJONALI

In-numru ta` nisa li jkunu qatgħu milll-edukazzjoni formali u jirritornaw għal aktar taħriġ huwa relattivament baxx.  Dan ifisser li l-opportunitajiet għal xogħol b`paga xierqa jkunu limitati. Dan meta qed naraw li l-indipendenza finanzjarja tan-nisa qed issir dejjem iżjed importanti fi sfond ta` piżijiet finanzjarji dejjem jogħlew filwaqt li t-tkissir tal-familji qed iressaq dejjem iżjed lin-nisa kap ta` familji lejn ir-riskju ta` faqar.

Għaldaqstant, Gvern Laburista:

– Jindirizza, fejn hemm il-bżonn, il-provvediment ta` taħriġ separat għall-irġiel u nisa,
– Jagħti kunsiderazzjoni speċjali lill-bżonnijiet tan-nisa, partikolarment ta` dawk in-nisa mingħajr taħriġ formali, biex jagħrfu l-importanza ta` dan it-taħriġ matul ħajjithom,
– Jiffoka attenzjoni speċjali lit-taħriġ tan-nisa fit-teknoloġija.

Livell Terzjarju:

– Korsijiet, fejn possibbli, jinkludu l-istudji mill-perspettiva u l-esperjenzi kemm tan-nisa kemm ta` l-irġiel.
– Azzjoni pro-attiva biex l-istudenti jagħrfu aħjar il-prospetti tax-xogħol wara l-istudji tagħhom, l-ippjanar tal-karriera, kif ukoll id-drittijiet u r-responsabbilitajiet tagħhom fuq il-post tax-xogħol.

## IS-SAĦĦA TAN-NISA

Il-kanċer tas-sider hija marda li l-aktar li tolqot lin-nisa mhux biss fin-numru ta` każijiet, imma wkoll fl-effetti psikoloġiċi negattivi li jħalli fuq il-mara u l-membri tal-familja kollha. Gvern Laburista jintrabat

li jindirizza din il-pjaga billi jitwaqqaf programm ta` *screening* tas-sider l-ewwel għan-nisa f`riskju għoli - biex kemm jista` jkun din il-marda tinqabad minn kmieni bl-anqas danni possibbli.

Biex inżidu n-numru baxx ta` ommijiet li jreddgħu lit-trabi tagħhom, jitwaqqaf programm b`kollaborazzjoni ma` NGOs li jaħdmu f`dan il-qasam biex permezz ta` edukazzjoni u appoġġ aktar nisa jitħajjru jreddgħu lil uliedhom għas-saħħa kemm ta` l-omm kemm tat-tarbija.

Qasam ieħor li jiġi riċerkat hu l-effett tal-livell baxx ta` saħħa mar-riskji ta` faqar b`emfasi speċjali fuq nisa ġenituri waħidhom li ħafna minnhom huma diġà f`riskju ta` faqar.

Titqajjem kuxjenza fuq u tingħata importanza lil problema ta' *ripetitive strain injury.*

Għax nemmnu li nisa b`saħħithom u infurmati tajjeb dwar is-saħħa jġibu `l quddiem is-saħħa tal-membri tal-familja kollha, naħdmu flimkien mad-Dipartiment għall-Promozzjoni tas-Saħħa biex insaħħu programmi edukattivi dwar is-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard.

## VJOLENZA DOMESTIKA

Meta għaddiet il-liġi dwar il-vjolenza domestika, il-Partit Laburista għamilha ċara li hekk kif ikun fil-gvern jemendaha sabiex jagħti aktar protezzjoni lill-vittmi ta` din il-vjolenza li fil-maġġoranza tagħhom huma nisa.

Dawn l-emendi jkunu bbażati fuq dawk il-proposti ppubblikati fil-*White Paper* abbozzata fl-1998 taħt Gvern Laburista wara konsultazzjoni sħiħa mal-professjonisti li jaħdmu f`dan il-qasam.

Emfasi ssir fuq definizzjoni ċara ta` vjolenza domestika u t-tkomplija tal-proċeduri legali kontra l-aggressuri anke f`każijiet fejn il-vittma tkun lesta li titlob li jitwaqqfu l-proċeduri fil-qorti. Dan qed nagħmluh għax verament nemmnu li ma nistgħu bl-ebda mod nittolleraw din il-vjolenza u li min jagħmilha jrid jirrispondi għal għemilu quddiem is-socjetà kollha għax il-konsegwenzi ta` dan l-abbuż jinfluwenzaw b`mod negattiv lil kull min isib ruħu qrib ta` dawn is-sitwazzjonijiet.

Fl-istess waqt nassiguraw l-implimentazzjoni tal-liġi permezz tat-tisħiħ ta` l-istrutturi neċessarji, programmi ta` informazzjoni u taħriġ għas-setturi kkonċeranti, u għal pubbliku in ġenerali biex jagħraf il-kruha u jikkundanna kull xorta ta` vjolenza fil-familja, tisħiħ tal-programmi ta` rijabilitazzjoni ta` l-aggressuri, tisħiħ ta` l-għajnuna legali għall-vittmi, protezzjoni effettiva lill-vittmi biex kemm jista` jkun ikunu jistgħu jibqgħu jgħixu fid-djar tagħhom. Taħrig lill-pulizija li huma l-ewwel nies li l-vittma tirrikori lejhom.

## TRAFFIKAR TA` NISA U TFAL / PROSTITUZZJONI

Fenomenu li qed dejjem jikber hu dak ta` traffikar ta` nisa u tfal, ħafna drabi għal skopijiet ta`

prostituzzjoni. Ħafna mill-vittmi jispiċċaw f`din is-sitwazzjoni sforz il-faqar, qgħad, nuqqas ta` edukazzjoni u aċċess għal riżorsi meħtieġa għal għixien diċenti. In-numri jinvolvu mijiet ta` eluf ta` nisa u tfal li qed jgħaddu minn pajjiż għall-ieħor minn organizzazzjoni għall-oħra f` sitwazzjoni ta` skjavitù.

F'pajjiżna dan il-fenomenu żviluppa wkoll għalkemm il-ġbir ta` informazzzjoni u statistika f`dan il-qasam hu diffiċli minħabba li l-operat hu illegali.

Gvern Laburista, konxju ta din is-sitwazzjoni, jaħdem biex bi pjan strateġiku:

– Tittieħed azzjoni ta` prevenzjoni fosthom li l-liġi tikkastiga l-parti li titlob u mhux il-parti li tagħti dan is-servizz.
– Tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn pulizija u awtoritajiet ġudizzjarji.
– Tingħata protezzjoni, għajnuna u appoġġ għall-vittmi.
– Jingħata appoġġ lil NGOs li jaħdmu f`dan il-qasam.

## NISA ANZJANI

Il-Partit Laburista jibni l-politika dwar l-anzjani fuq indikaturi xjentifiċi dwar il-qagħda soċjo-ekonomika ta` l-anzjani, nisa u irġiel biex ikunu indirizzati l-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet differenti tagħhom speċjalment fi sfond li n-nisa mistennija jgħixu numru ta` snin aktar mill-irġiel, bl-isfidi kollha li dan il-fatt iġib miegħu, fosthom ir-riskju akbar ta` faqar.

Tiġi rranġata l-liġi biex meta waħda jew wieħed minn koppja anzjani jitolbu lid-Dipatiment tas-Sigurtà Soċjali biex il-pensjoni tinqasam f'żewġ ċekkijiet, dan isir mingħajr ma l-miżżewġin ikollhom għalfejn jidħlu l-Qorti.

Il-politika tal-Gvern Nazzjonalista li jċaħħad lill-anzjani ta` 'l fuq minn 75 milli jieħdu ċerti mediċini b`xejn hija diskriminatorja kontra n-nisa li jikkostitwixxu l-maġġoranza ta` nies anzjani f`pajjiżna. Għaldaqstant, Gvern Laburista ġdid ibiddel din il-miżura u jara li ssir ġustizzja f`dan ir-rigward.

Għax nirrikonoxxu l-ħiliet differenti li nisa u irġiel jitgħallmu matul ħajjithom li jinfluwenzaw il-kwalità tal-ħajja fi xjuħithom, servizzi aktar effettivi u personalizzati fil-komunità jkunu introdotti li jaqdu l-bżonnijiet ta` nisa u irġiel anzjani u jagħtuhom dak l-appoġġ meħtieġ biex jibqgħu jgħixu f`darhom fil-lokalità tagħhom.

Servizzi u attivitajiet provduti fid-*day centres* ikunu żviluppati biex mhux biss jilħqu aktar anzjani imma jinvolvuhom b`mod dirett f`dawn l-attivitajiet.

Kampanja nazzjonali li tippromwovi aktar tagħlim dwar l-importanza tal-kura primarja partikolarment l-eżerċizzju fiżiku fost l-anzjani, partikolarment nisa, li għalkemm jgħixu aktar, jimirdu aktar ukoll meta mqabbla ma` irġiel ta` l-istess età.

Fl-istess ħin is-servizzi ta` faċilitajiet ta` akkomodazzjoni u kura alternattiva jiżviluppaw b`mod li jaqdu l-bżonnijiet partikolari ta` anzjani nisa u irġiel.

## SERVIZZI SOĊJALI

Biex jitneħħa kull proviżjon diskriminatorju, kemm espliċitu kif ukoll impliċitu, fl-istrutturi eżistenti tal-benefiċċji u sigurtà soċjali, issir reviżjoni tal-politika dwar il-ħarsien soċjali li tkun ta` appoġġ sħiħ u taqdi l-bżonnijiet tar-realtajiet partikolari tal-ħajja tan-nisa u l-irġiel.

Is-servizz ta` informazzjoni dwar benefiċċji soċjali jissaħħaħ b`perspettiva miftuħa għad-drittijiet tan-nisa biex jagħti sostenn lin-nisa, speċjalment ommijiet waħedhom, romol, u nisa f`sitwazzjonijiet diffiċli.

Għal dawk li jirċievu s-servizzi soċjali u jsibu xogħol, għalkemm dawn jitwaqqfu, isimhom jibqa` jidher fil-kotba tas-servizzi soċjali sakemm ikollhom assigurazzjoni li ser jibqgħu fix-xogħol tagħhom. Dan isir bħala appoġġ sa ma jaċċertaw ruħhom mill-impieg mhux biss min-naħa ta` min jimpjega imma wkoll minħabba impenji familjari li dawn jista` jkollhom. Dan il-pass huwa importanti ħafna jekk irridu naraw nisa jitbegħdu mir-riskju ta` faqar u jsiru finanzjarjament indipendenti.

Rata mnaqqsa ta` kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fl-ewwel ħames snin minn meta mara tipprova tidħol lura għax-xogħol billi twaqqaf n-negozju tagħha bħala inċentiv biex jitnaqqas il-piż finanzjarju u jinkoraġġixxi aktar nisa jwaqqfu n-negozju tagħhom.

Rata mnaqqsa ta` kontribuzzjonijiet għal nisa li jidħlu lura għax-xoghol u li jaħdmu anqas minn tmien (8) sigħat fil-ġimgħa bħala inċentiv biex jerġgħu lura fid-dinja tax-xogħol.

## QRATI

Il-ħlasijiet għal servizzi tal-qrati jkunu riveduti ‘l isfel speċjalment għar-rigward tan-nisa li ħafna drabi, jew ma jkunux finanzjarjament indipendenti jew jgħixu fuq introjtu żgħir. Ħlasijiet għoljin qed iżommu lin-nisa milli jitolbu d-drittijiet tagħhom speċjalment f'kazijiet ta' separazzjoni, kura u kustodja tat-tfal u meta l-mara tormol.

## IL-MEZZI TA` KOMUNIKAZZJONI

Sabiex jitħares il-mod li bih jiġu proġettati n-nisa fil-medja, isir monitoraġġ tal-mezzi tax-xandir biex ikun aċċertat li:

– Tissaħħaħ l-immaġini reali u xierqa tal-mara ħalli jitkissru immaġini sterjotipati u attitudnijiet li jiddiskriminaw kontra l-mara fis-soċjetà Maltija.
– Tkun addottata politika fix-xandir nazzjonali li kemm jista` jkun jingħata *coverage* lix-xogħol tan-nisa fl-oqsma varji tas-soċjetà u li *panels* ta` diskussjoni, parteċipanti fuq programmi anke

permezz ta` intervisti, *voxpops* u mezzi oħra ta` ġbir ta` opinjonijiet jaċċerta firxa wiesa` fost nisa u irġiel.

### SEHEM L-NGOs

Bħala għarfien tax-xogħol siewi tagħhom jingħata għarfien sħiħ u appoġġ lil dawk l-organizzazzjonijiet tan-nisa u/jew ta` għaqdiet li jaħdmu man-nisa fl-oqsma varji tas-soċjetà, speċjalment ma` nisa separati, romol, ommijiet waħedhom, vittmi ta vjolenza, nisa bi problemi ta` droga, eċċ.

Dawn l-entitajiet ikunu konsultati meta jkun qed isir xogħol li jirrigwarda l-qasam tagħhom.

### ĊENTRU TA` DOKUMENTAZZJONI U RIĊERKA

Issir riċerka u dokumentazzjoni fi ħdan l-NSO dwar in-nisa bid-diversitatjiet kollha tagħhom. Din ir-riċerka u d-dokumentazzjoni tipprovdi l-bażi li fuqha tkompli tiżviluppa l-politika ta` Gvern Laburista f`dan il-qasam. Dan għandu jservi wkoll bħala appoġġ fl-istudji ta` studenti u riċerkaturi.

Il-ġbir ta` statistika a bażi ta` sess tkun imsaħħa kemm fil-firxa kemm fil-fond ta` l-oqsma varji.

Għat-tkabbir u tixrid ta` għarfien dejjem akbar, tkun pubblikata statistika dwar il-ħajja tan-nisa f`Malta, b`mod partikolari dwar faqar fost in-nisa, nisa vittmi ta` vjolenza u nisa anzjani.

Din l-istatistika għandha tgħin biex jinbnew indikaturi ċari li jservu ta` għodda ta` monitoraġġ u evalwazzzjoni għax-xogħol tal-Gvern.

*One-stop-shop* elettroniku jitwaqqaf biex jagħti lil pubbliku aċċess aħjar għal informazzjoni u data dwar in-nisa.

# Konklużjoni

Dan hu l-pjan ta` ħidma li Gvern Laburista qed jipproponi lill-elettorat li ser jattwa biex jaċċerta li l-politika ta` ugwaljanza bejn nisa u irġiel tkun verament parti integrali mill-ħajja ta` kuljum ta` kull ċittadin/a sabiex bis-sehem sħiħ tan-nisa u irġiel Maltin insaħħu t-tmexxija demokratika f`pajjiżna.

Gvern Laburista jafferma l-impenn tiegħu billi jikkollabora ma` pajjiżi oħra fi ħdan l-Unjoni Ewropea, fuq livell bilaterali u multilaterali bħal Ġnus Magħquda, il-Kunsill ta` l-Ewropa, il-Grupp Inter-Parlamentari, il-proċess EuroMed u oħrajn. Din il-kollaborazzjoni sseddaq u twessa` l-ħidma ta` Gvern Laburista minn waħda nazzjonali għal waħda fuq livell internazzjonali.

# Il-proposti fil-qosor

– Id-definizzjoni ta' diskriminazzjoni fil-liġi għal promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel tinbidel biex tkopri oqsma oħra li fil-preżent m'humiex koperti.

– Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel tingħata aktar saħħa bħala entità regolatorja bir-riżorsi neċessarji biex tkun kapaċi tassigura l-implimentazzjoni tal-liġi għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u tinvestiga b'mod effettiv każijiet ta' allegata diskriminazjoni a bażi ta' sess.

– Gvern Laburista jaħdem biex ikun aċċertat li l-qasma tal-komunjoni ta' l-akkwisti f'każi ta' separazzjoni ssir fuq bażi ta' ekwità u li tieħu in kunsiderazzjoni l-età tat-tfal u l-possibilitajiet ta' l-omm li tkun finanzjarjament indipendenti sakemm dawn jikbru.

– Id-drittijiet ta' membri ta' familja fejn il-koppja jgħixu flimkien barra ż-żwieġ jiġu mħarsa bil-liġi.

– Tkun introdotta *Gender Management System* biex il-bżonnijiet u l-aspirazzjonijiet kemm tan-nisa kif ukoll ta' l-irġiel jiġu indirizzati fit-tfassil ta' liġijiet, *policies*, programmi u proġetti tal-gvern.

– Fejn tidħol suċċessjoni, speċjalment meta l-wirt jinkludi d-dar matrimonjali, is-*ceiling* ta' eżenzjoni għandu jogħla.

– Gvern Laburista ġdid jaħdem sabiex skond linji internazzjonali: fil-Kamra tad-Deputati jkun hemm żieda fin-numru ta' siġġijiet fuq iż-żewġ naħat tal-Kamra bħala kwota biex jiżdied in-numru ta' nisa fil-Parlament, fuq bordijiet u kummissjonijiet tal-Gvern ikun hemm 35% tal-membri li jkunu nisa, 20% ta' l-Ambaxxaturi u f'karigi għolja jkunu nisa, 20% tan-nominazzjonijiet bħala Aġenziji Internazzjonali jkunu nisa, 30% tal-karigi eżekuttivi fis-Servizz Pubbliku jimtlew min-nisa, it-tqassim ta' boroż ta' studju jkun a bażi ta' 30% għan-nisa, 30% għall-irġiel u 40% li jibqa' mħallta.

– Twaqqif ta' sistema prattika u effettiva fuq bażi nazzjonali ta' kwalifiki vokazzjonali li tagħti valur lit-taħriġ formali, informali u mhux formali u tagħraf il-kompetenzi, inkluż dawk il-kapaċitajiet miksuba fi ħdan il-familja, permezz ta' ċertifikazzjoni rikonoxxuta.

– Il-kwalitajiet hekk msejjħa femminili, bħal ħiliet ta' komunikazzjoni, *team building*, *conflict resolution*, *budgeting* u oħrajn żviluppati fl-immaniġġjar tal-familja jkunu rikonoxxuti.

– Issir kampanja għal dawk f'pożizzjonijiet fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet biex jagħrfu l-bżonn ta' metodi differenti ta' tmexxija bbażati fuq l-iżvilupp personali u *output* tal-ħaddiema tagħhom.

– Jinbeda proċess biex iħajjar lin-nisa jinagħqdu f'kooperattivi u entrapriżi żgħar permezz ta' riċerka dwar l-aspettattivi tan-nisa, kampanji ta' tagħrif, taħriġ kontinwu f'dan il-qasam, faċilitajiet bankarji biex jintegħlbu ċerti ostakli inġusti, kif ukoll tnaqqis ta' burokrazija li tista' tagħti lok għal trattament diskriminatorju.

– Għall-ħaddiema *self-employed* jitħaddmu miżuri fiskali li jippromwovu l-kultura ta' xogħol bi ħlas bħala mezz biex in-nisa jersqu 'l bogħod minn sitwazzjonijiet ta' esklużjoni soċjali u faqar marbutin ma' pagi baxxi

jew nuqqas ta' pagi kif ukoll jingħata appoġġ sħiħ lil dawk in-nisa li jidħlu fis-suq tax-xogħol u jkun assigurat li benefiċċji/pagamenti tas-sigurtà soċjali ma jservux ta' diżinċentiv f'dan ir-rigward.

- Mara *self-employed*, f'każ ta' mard/korriment fuq il-post, tkun megħjuna jkollha introjtu mingħajr ma titlef in-negozju tagħha fil-mument ta' bżonn a bażi tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li tkun ħallset.

- Nisa *self-employed* ikollhom aċċess għal benefiċċju tal-maternità taħt l-istess kundizzjonijiet li jibbenefikaw minnhom nisa f'impieg.

- Għal ħaddiema *full-time* naħdmu biex l-erbatax-il ġimgħa *leave* għal maternità tkun imħallsa fuq l-istess linji tat-tlettax-il ġimgħa *leave* għal maternità mħallsa, kif introdotti mill-Gvern Laburista fl-1982.

- Għal ħaddiema *full-time* wkoll: a) żieda ta' tliet xhur fuq il-tliet xhur eżistenti tal-*leave* bla ħlas għal ġenituri fis-settur privat b) siegħat flessibli, *teleworking* u *job sharing* sabiex in-nisa jkunu jistgħu jsibu bilanċ bejn il-ħajja privat u dik professjonali

- Il-ħaddiema *part-time* jibdew igawdu mill-benefiċċji kollha fuq bażi pro-rata hekk kif jibdew iħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, jiġifieri hekk kif jilħqu t-tmien siegħat xogħol u jittejbu strutturi fiskali li jħajru aktar il-mara tirritorna fis-suq tax-xogħol u jinħolqu strutturi ġodda.

- Ħaddiema każwali fis-settur pubbliku jkunu impjegati biex jagħmlu tajjeb għas-siegħat ta' impjegati li jaħdmu b'sistema ta' siegħat imnaqqsa biex dawn ma jinħassux ta' piż fuq il-kollegi tagħhom u s-sistema ta' ħaddiema każwali fis-settur pubbliku tinbidel għal waħda prattika, flessibli u effettiva bl-aħjar użu ta' riżorsi.

- Jinħoloq grupp ta' uffiċjali fis-settur pubbliku biex jixpruna t-tħaddim tat-*teleworking* f'dawk id-dipartimenti fejn ix-xogħol jippermetti. Fondi speċjali flimkien ma' tagħrif tekniku ta' kif taħdem is-sistema jingħataw bħala appoġġ lil dawk id-dipartimenti governattivi li jaddottaw din l-inizjattiva.

- Nikkollaboraw ma' dawk kollha fis-settur privat sabiex min jimpjega jsir aktar konxju li l-implimentazzjoni ta' politika favur bilanċ bejn il-ħajja privata u dik professjonali għal ħaddiema hija waħda mill-metodi ppruvati u effettivi biex tiżdied il-produzzjoni.

- Titressaq fil-Parlament il-liġi għar-regolazzjoni ta' servizzi ta' ħarsien tat-tfal li kienet abbozzata fl-1998.

- Gvern Laburista ġdid jaħdem sabiex fejn hu possibbli jitwaqqaf servizz ta' ħarsien tat-tfal għal ħaddiema fis-servizz pubbliku u jaħdem ukoll biex jingħataw inċentivi sabiex jitwaqqfu ċentri f'lokalitajiet oħra.

- Naħdmu sabiex jitwaqqaf servizz li jipprovdi attivitajiet extra kurrikulari, bħal żfin, sport, arti eċċ għat-tfal żgħar wara l-ħin ta' l-iskola tal-primaja u kindergarten u fil-vaganzi biex ġenituri li jaħdmu jkollhom rashom mistrieħa li t-tfal tagħhom ikunu qed jagħmlu l-aħjar użu mill-ħin tagħhom.

- Fil-qasam tal-edukazzjoni u taħriġ Gvern Laburista: a) jindirizza, fejn hemm il-bżonn, il-provvediment ta' taħriġ separat għall-irġiel u nisa b) jagħti kunsiderazzjoni speċjali lill-bżonnijiet tan-nisa, partikolarment ta' dawk in-nisa mingħajr taħriġ formali, biex jagħrfu l-importanza ta' dan it-taħriġ matul ħajjithom c) jiffoka attenzjoni speċjali lit-taħriġ tan-nisa fit-teknoloġija.

– Jitwaqqaf programm ta' *screening* tas-sider - l-ewwel għan-nisa f'riskju għoli - biex kemm jista' jkun din il-marda tal-kanċer tas-sider tinqabad minn kmieni bl-anqas danni possibbli.

– Biex inżidu n-numru baxx ta' ommijiet li jreddgħu lit-trabi tagħhom, jitwaqqaf programm b'kollaborazzjoni ma' NGOs li jaħdmu f'dan il-qasam biex permezz ta' edukazzjoni u appoġġ aktar nisa jitħajjru jreddgħu lill-uliedhom għas-saħħa kemm ta' l-omm kemm tat-tarbija.

– Nemendaw il-liġi dwar il-vjolenza domestika sabiex tingħata aktar protezzjoni lil-vittmi ta' din il-vjolenza li fil-maġġoranza tagħhom huma nisa.

– Nassiguraw l-implimentazzjoni tal-liġi permezz tat-tisħiħ ta' l-istrutturi neċessarji, programmi ta' informazzjoni u taħriġ għas-setturi kkonċeranti, u għal pubbliku in ġenerali biex jagħraf il-kruha u jikkundanna kull xorta ta' vjolenza fil-familja, tisħiħ tal-programmi ta' riabilitazzjoni ta' l-aggressuri, tisħiħ ta' l-għajnuna legali għall-vittmi, protezzjoni effettiva lill-vittmi biex kemm jista' jkun ikunu jistgħu jibqgħu jgħixu fid-djar tagħhom u taħriġ lill-pulizija li huma l-ewwel nies li l-vittma tirrikori lejhom.

– Fil-qasam tal-anzjani għal nisa miżżewġa li jkunu miċħuda milli jaqsmu mar-raġel tagħhom il-pensjonijiet dovuti lilhom, jinħarġu żewġ ċekkijiet separati fuq isem ir-raġel u fuq isem il-mara, jekk u meta d-dipartiment tas-sigurtà soċjali jirċievi talba f'dan is-sens minn waħda jew wieħed mill-miżżewġin.

– Gvern Nazzjonalista qed iċaħħad lill-anzjani ta' 'l fuq minn 75 milli jieħdu ċerti mediċini b'xejn. Gvern Laburista ġdid ibiddel din il-miżura u jara li ssir ġustizzja f'dan ir-rigward.

– Servizzi u attivitajiet provduti fid-*day centres* ikunu żviluppati biex mhux biss jilħqu aktar anzjani imma jinvolvuhom b'mod dirett f'dawn l-attivitajiet.

– Is-servizz ta' informazzjoni dwar benefiċċji soċjali jissaħħaħ b'perspettiva miftuħa għad-drittijiet tan-nisa biex jagħti sostenn lin-nisa, speċjalment ommijiet waħedhom, romol, u nisa f'sitwazzjonijiet diffiċli.

– Għal dawk li jirċievu s-servizzi soċjali u jsibu xogħol, għalkemm dawn jitwaqqfu, isimhom jibqa' jidher fil-kotba tas-servizzi soċjali sakemm ikollhom assigurazzjoni li ser jibqgħu fix-xogħol tagħhom.

– Naħdmu sabiex ikun hemm rata mnaqqsa ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fl-ewwel ħames snin minn meta mara tipprova tidħol lura għax-xogħol billi twaqqaf n-negozju tagħha bħala inċentiv biex jitnaqqas il-piż finanzjarju u ninkoraġġixxu aktar nisa jwaqqfu n-negozju tagħhom.

– Naħdmu sabiex ikun hemm rata mnaqqsa ta' kontribuzzjonijiet għal nisa li jidħlu lura għax-xoghol u li jaħdmu anqas minn tmien siegħat fil-ġimgħa bħala inċentiv biex jerġgħu lura fid-dinja tax-xogħol.

– Il-ħlasijiet għal servizzi tal-qrati jkunu riveduti 'l isfel speċjalment għar-rigward tan-nisa li ħafna drabi, jew ma jkunux finanzjarjament indipendenti jew jgħixu fuq introjtu żgħir.

– Issir riċerka u dokumentazzjoni fi ħdan l-NSO dwar in-nisa u jitwaqqaf *one-stop-shop* elettroniku biex jagħti lil pubbliku aċċess aħjar għal informazzjoni u data dwar in-nisa.

www.mlp.org.mt